ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 34 IT-TLIETA 16 TA' SETTEMBRU 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Robert Reno Cremona, Jerome Caruana Cilia, Antoine Saliba Haig u Sean Meli.

Is-S.E. informa li l-Kunsilliera Charles Farrugia, Jason Busuttil u Margaret Mercieca kienu infurmawh bil-miktub li ma kienux ser jattendu ghal din il-laqgha minhabba impenji ohra. Is-SE informa wkoll li l-Kunsillier Bjorn Azzopardi kien infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għal din il-laggħa peress li kien imsiefer wara li ingħaqad fis-sagrament taz-zwieġ.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u għalhekk il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Jason Busuttil u Margaret Mercieca ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill. Intant, is-Sindku xtaqet tifraħ lill-Kunsillier Bjorn Azzopardi li ingħaqad fis-sagrament taz-zwieġ li jiem li għaddew.

**34/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 33**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 33 li nżammet nhar it-Tlieta 5 ta' Awwissu 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Kunsillier Ralph Puli ressaq korrezzjoni fejn zdiedet din l-addenda f'para 11 ta' 33/04/01 :
*"Il-Kunsillier Ralph Puli spjega li minħabba x-xogħol kif sar it-traffiku kien se jizdied b'mod qawwi iktar u iktar kif jibda riesaq iz-zmien tal-ftuħ*

*tal-iskejjel. Huwa veru li jista' jkun li l-aċċidenti jonqsu fejn sar ix-xogħol pero huwa veru wkoll li hemm ċans kbir li jizdiedu l-aċċidenti fi Triq Manwel Dimech u fir-roundabout iktar 'l isfel. Kif intqal fil-mozzjoni stess il-Kunsill ma ġiex ikkonsultat u wisq inqas ma ġie pprezentat bl-eda studji li juru l-impatt tat-tibdil li sar. Tibdil li jista' jkollu impatt mhux biss fuq it-traffiku izda wkoll fuq id-dħaħen u għalhekk is-saħħa tar-residenti. Veru li x-xogħol sar mill-Gvern Ċentrali pero il-Kunsill bħala rapprezentant tal-Qriema kellu jiġi kkonsultat fuq din il-materja."*

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku bil-korrezzjoni msemmija hawn fuq.

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 33 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**34/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

34/02/01 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett ta' kontra l-għargħar li qed isir mill-gvern ċentrali jinsab fl-aħħar stadju u tinsab infurmata li għandu jkun ffinalizzat fi zmien tlett ġimgħat oħra. Is-Sindku infurmat ukoll li intant inħarġet sejħa għall-offerti mill-gvern ċentrali biex isiru culverts oħrajn fiz-zona ta' Triq il-Ħammieri u Triq il-Mitħna.

34/02/02 **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li sar aċċident ikrahfl-akkwata tal-facilita' sportiva fi Triq il-Belt Valletta sabiex isiru xi sinjali addizzjonali. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li f'din iz-zona diġa hemm tlett road humps u sinjali ta' velocita' massima ta' 30km/hr kif ukoll li tabelli li juru li hemm playground. Il-Kunsill iddeċieda li jkompli jzied ma' dawn it-tabelli.

34/02/03 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li s-sejħa għall-attivitajiet minn għaqdiet lokali inħarġet u għandha tagħlaq fid-19 ta' Settembru 2014**.**

34/02/04 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera li l-vann tal-Kunsill jinsab fi stat li jinbidel u għaldaqstant qed tissuġġerixxi li jinxtara ieħor *second hand*. Il-Kunsill approva.

34/02/05 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li se ssir attivita' fis-7 u 8 ta' Novembru fil-pjazza tal-Ħlas u f'Ta' Farsina, liema attivita qed tiġi organizzata flimkien mill-Gal Xlokk fejn l-iffinanzjar qed isir minn din il-fondazzjoni. Is-Sindku spjegat li saret stedina lill-għaqdiet lokali kollha dwar jekk jixtiequx jipparteċipaw u jidher li hemm interess tajjeb sabiex

ikun jista' jittella' programm ta' divertiment li għandu l-iskop prinċipali li jippromwovi l-kultura u l-aspett rurali partikolarment il-proġett li mill-istess programm ta' fondi, jiġifieri dak tal-Heritage Trail.

**34/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill Malti għall-Isport qiegħed għal darb'oħra jistieden lill-Kunsill Lokali biex l-Fitness and Sports Park jiġi mgħoddi taħt il-Kunsill. F'kaz li l-Kunsill Lokali jibqa' jirrifjuta il-Kunsill Malti għall-Isport infurmana li se jkun lest li jgħaddih lill-privat. Il-Kunsill zamm il-pozizzjoni tiegħu li hija li l-Kunsill ikun lest li jieħdu taħt idejh sakemm jingħata fondi biex jieħu ħsiebu. Il-Kunsillier Ralph Puli ikkummenta li l-Kunsill Malti għall-Isport m'għandux jgħaddi dan iċ-ċentru rikreattiv lill-privat għax huwa wieħed mill-ftit spazji pubbliċi izda wkoll li għandu l-obbligu li jzommu fi stat tajjeb għaliex prezentament dan jinsab mitluq u mhux mantnut kif suppost. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jirrimarka lill-KMS ukoll li ma jaqbilx li dan jiġi mgħoddi lill-privat meta huwa wieħed mill-ftit postijiet rikreattivi għall-familji li għad fadal f'Ħal Qormi.

**34/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara insistenza li għamlet mal-Ministeru responsabbli mill-Indafa pubblika, sar it-tindif tal-kamra li hemm taħt il-5 a side picc tal-futbol fi Triq il-Belt Valletta. Is-Sindku kompliet li f'dan il-post instabu numru impressjonanti ta' siringi u ħeġġet lill-Qormi FC sabiex jieħdu ħsieb jimbarraw il-post minħabba dawn l-abbuzi.

**34/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li matul ix-xahar ta' Ottubru se jkun qed isir ezercizzju ta' bdil tal-ID Cards ġewwa Ħal Qormi. Ir-residenti se jiġu infurmati permezz ta' ċirkulari li se tintbagħat f'kull dar. Il-Kunsill qed jikkopera f'dan il-proġett u anke sar avviz fuq il-magazin tal-Kunsill, id-Dielja.

**34/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-Ambaxxatur taz-Zgħazagħ għalaq it-tmintax il-sena, il-Kunsill għandu bzonn jaħtar Ambaxxatur ġdid. Il-Kunsill iddeċieda biex jitlob lill-Kunsill taz-Zgħazagħ jirrakkomanda persuna.

## 34/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' AWWISSU 2014

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Awwissu 2014
**b)** *Bank Payments* Awwissu 2014.
**c)** *Petty Cash* Awwissu 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**34/04 MOZZJONIJIET**

**34/04/01 MOZZJONI – 110-2014(VI)**

**Peress li din il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Charles Farrugia li ma kienx prezenti ghall-laqgħa u għaldaqstant ma setgħetx tiġi mressqa għad-diskussjoni, ġie deċiz biex tiġi mressqa f'seduta li jmiss mill-Kunsillier li pproponiha.**

**34/04/02 MOZZJONI – 111-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 111-2014:

*Peress li l-kuntrattur li rebaħ l-offerta għax-Xogħlijiet ta' Tisbiħ tal-Gnien fi Triq Alexandra ma ssottomettiex il-garanzija bankarja sal-perjodu stabbilit skont kif stipulat fl-ittra ta' aċċettazzjoni;*
*Peress li l-istess kuntrattur ingħata aktar minn ċans wieħed biex jissottometti l-garanzija u jiffirma l-kuntratt, izda naqas milli jagħmel dan;*
*Nipproponi biex il-Kunsill jikkunsidra li l-kuntratt bħala abbandunat mill-kuntrattur magħzul (Redmap Projects Ltd) u l-Kunsill jagħti l-offerta lit-tieni offerent, jiġifieri lil Road Maintenance Services Limited, bl-istess termini u kundizzjonijiet, ladarba din l-offerta hija technical u administrative complaint.*

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur s-Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 111-2014(VI). Għaldaqstant, il-Kunsill għandu jinforma lill-kuntrattur Redmap Projects Ltd li minħabba li sottomettix il-garanzija bankarja minkejja d-diversi avvizi, il-kuntratt ġiet meqjus bħala abbandunat. Il-Kunsill għandu wkoll joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni lill-kuntrattur RMS Ltd. Intant, **il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina** saqsa dwar jekk il-Kunsil huwiex beħsiebu il-bid bond bankarja lill-Redmap Projects Ltd talli naqas milli jonora r-rekweziti tal-offerta. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex din il-garanzija

tiġi rilaxxata.

**34/04/03 MOZZJONI – 112-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 112-2014:

*Peress li l-kuntratt ghall-Manutenzjoni ta' bankini moghti lill-Road Maintenance Services Ltd, kien moghti ghal sena, liema perjodu jiskadi fit-30 ta' Novembru 2013, nipproponi biex dan il-kuntratt jigi mgedded ghal perjodu ta' tnax il-xahar iehor.*
*Peress li l-kuntratt għaz-Zamma ta' Gonna u Soft Areas moghti lill-Environmental Landscape Consortium Ltd, kien moghti ghal sena, liema perjodu jiskadi fit-31 ta' Ottubru 2013, nipproponi biex dan il-kuntratt jigi mgedded ghal perjodu ta' tnax il-xahar iehor.*

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda.

**Ivvutaw Favur s-Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 112-2014(VI).

**34/04/04 MOZZJONI – 113-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Sean Meli** iressaq il-mozzjoni nru 113-2014:

*Qed nipproponi li għandu jsir studju u konsultazzjoni dwar bħal minn ikun ġej minn Triq l-Imdina min-naħa ta' San Sebastjan ma jistax jaqsam bil-karozza għal Triq Ġużè Ellul Mercer, minn ikun ġej minn Triq Santa Katarina għandu jiġi ġwidat li jinżel Triq l-Imdina lejn il-monument Qalb ta' Ġesu sabiex jiġi evitat li karozza minn Triq Santa Katarina jkollha taqsam żewġ karreġġati.*

*Qed nipproponi wkoll li l-pjazzetta Guze Flores isirilha traffic plan aħjar billi mill-istess pjazzetta għandek żewġt iħruġ u dħul. Għalhekk għas-sigurta' għas-sewwieqa għandha tiġi studjata l-possibilita' li f'din iż-żona jsir traffic management ideali sabiex b'hekk jiġi evitat ukoll il-kongestjoni fi Triq l-Isqof Scicluna n-naħa ta' Triq Dun Marju.*

Wara diskussjoni il-**Kunsillier Sean Meli** emenda din il-mozzjoni kif jidher hawn fuq.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur s-Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 113-2014(VI). Il-Kunsill għandu jieħu jsir studju u konsultazzjoni mal-perit tal-Kunsill u Transport Malta dwar il-proposti msemmija fil-mozzjoni.

**34/04/05 MOZZJONI – 114-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Sean Meli** iressaq il-mozzjoni nru 114-2014:

*Wara l-aħħar inċidenti li saru fi Triq l-Imdina Ħal Qormi, li bħala residenti Qriema huma wkoll affetwati mill-qtugħ fiżikament mill-kumplament ta' Ħal Qormi, qed nipproponi:*

*Li l-awtoritajiet jiġu mħeġġa jaħdmu fuq pjan ħolistiku sabiex it-triq imsemmija jsirulha aktar mezzi ta' prekawzjoni għas-saħħa u siġurta' tar-residenti tal-madwar.*

*Li l-awtoritajiet wara li jsir il-pjan ħolistiku jieħdu passi sabiex isir xi tip ta' aċċess aktar sigur għar-residenti li joqgħodu fl-inħawi tat-Triq Marju Pace sabiex jaċċessaw in-naħat tat-toroq ta' wara l-poliklinika.*

*Dan għandu jsir fi żmien qasir sabiex ir-residenti jkunu jistgħu b'serħan il-moħħ jaqsmu lejn il-parti l-oħra ta' Ħal Qormi u anke minn ikun se jagħmel il-qadjiet bil-mixi huwa wkoll ikollu serħan il-mohh f'dan ir-rigward.*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar u l-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ssekondaw din il-mozzjoni

**Ivvutaw Favur s-Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 113-2014(VI). Il-**Vici-Sindku Jesmond Aquilina** sostna li fil-passat il-Kunsill kien diġa ressaq proposti li kienu ġew rifjutati u għaldaqstant għandhom jerġgħu jitressqu dawn il-proposti flimkien mal-kontenut ta' din l-mozzjoni .

**34/05 RAPPORTI**

**34/05/01 APPLIKAZZJONI : SUSTAINABLE URBAN MOBILITY PLAN : European Mobility Week**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex iressaq din l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**DOK 'B'**

**Wara li saret diskussjoni dwar din l-applikazzjoni, is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill se jkun qed jipparteċipa f'dan il-konkors fejn il-premju tal-Kunsill rebbieħ huwa ta' Eur50,000 li jkun jinvolvi twettiq ta' mizuri relatati mat-traffiku. L-applikazzjoni qegħda tindirizza problemi li jezistu f'Ħal Qormi permezz ta' pjan b'mizuri li jridu jiġu mwettqa f'perjodu ta' ħames snin.**

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** din l-applikazzjoni.

**34/06 KORRISPONDENZA**

**34/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'C 1-6'**

1. Dwar Memo 25/2014 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill qabel nem.con li japplika għall-*Sports For All (Fun Runs)* u Aerobics/Pilates/Yoga.

2. Wara li saret stedina biex l-għaqdiet sportivi jieħdu sehem fil-*Regional SportsFest*, iz-zewg għaqdiet li se jiehdu sehem huma Qormi FC Nursery u Qormi Hockey Club Nursery. Fid-dawl ta' dan, peress li r-Regjun se jagħti AED waħda, ġie issuġġeriet biex il-Kunsill jitlob lir-Reġjun Nofsinhar sabiex il-fondi allokati għall-librerija ta' San Ġorġ jiġu allokati sabiex tinxtara AED oħra u dawn iz-zewġ AEDs jkunu għall-uzu ta' dawn iz-zewġ għaqdiet imsemmija hawn fuq. Il-Kunsill qabel unanimament u għandu jikteb lir-Reġjun dwar dan.

3. Petizzjoni mir-residenti ta' Triq San Bartolomew (parti bejn Triq l-Imdina u Triq San Edwardu) fejn oġġezzjonaw li jinbidel l-isem tat-triq. Il-Kunsill laqa' dawn l-oġġezzjonijiet.

4. Ittra mill-Kummissarju tat-tfal dwar inizjattiva sabiex jinstab spazju ħalli ommijiet ikunu jistgħu jreddgħu lit-trabi tagħhom fil-privatezza. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza.

5. Ittra minn Maria Lewis, impjegata tal-Kunsill fejn talbet biex tieħu parental leave ta' tlett xhur mingħajr ħlas. Il-Kunsill approva unanimament. Intant, il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jara jekk hemmx bzonn jimpjega part-time jew joffri overtime lill-impjegati l-oħrajn sabiex il-Kunsill ikun jista' jibqa' joffri s-servizz ta' customer care fin-nuqqas ta' Mrs Lewis.

**34/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 7 ta' Ottubru 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:35 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2014.